IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.4.2020
COM(2020) 180 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 3
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2020

DWAR IL-PROPOSTA GĦAL

DĦUL TAS-SURPLUS TAS-SENA FINANZJARJA 2019

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2019[2],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2020[3], adottat fis-27 ta' Marzu 2020,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2020[4], adottat fit-2 ta' April 2020,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3 tal-baġit tal-2020.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport ġenerali tad-dħul huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 ĠU L 193, 30.7.2018.
2 ĠU L 57, 27.2.2020.
3 COM(2020) 145, 27.3.2020.
4 COM(2020) 170, 2.4.2020.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 3/2019 huwa maħsub li jdaħħal is-surplus li rriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena 2019 fil-baġit tal-2020. Kif previst fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[5], is-surplus huwa l-uniku suġġett ta' dan l-ABE, li jrid jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji fl-aħħar ta' Marzu 2020.

1. L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2019 turi surplus ta' EUR 3 218 373 955, li huwa għalhekk imdaħħal bħala dħul fil-baġit tal-2020.

(bl-EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2019	
Surplus tad-Dħul	**2 414 771 516**
Surplus tan-Nefqa	**803 602 438**
Surplus totali	**3 218 373 955**

2. L-ibbaġitjar tas-surplus se jnaqqas kif dovut il-kontribuzzjoni totali tas-27 Stat Membru u tar-Renju Unit[6] għall-iffinanzjar tal-baġit tal-2020.

3. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta tqassim tal-eżitu tal-2019 f'termini tal-implimentazzjoni tad-dħul:

(bl-EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2019	**Baġit (inkluż AB1-3)**	**Riżultat**	**Varjazzjoni**
Subtotal tad-Dħul	**148 492 491 538**	**150 907 263 054**	**2 414 771 516**
— Titolu 1 - Riżorsi proprji	144 795 111 073	144 765 627 471	-29 483 602
Imposti u dazji oħra fis-settur taz-zokkor	*0*	*-824 270*	*-824 270*
Dazji doganali	*21 471 164 786*	*21 365 365 626*	*-105 799 160*
Riżorsi proprji ġejjin mill-VAT	*17 738 667 150*	*17 774 862 637*	*36 195 487*
Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING	*105 585 279 137*	*105 700 206 516*	*114 927 379*
Korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-baġit mogħtija lir-Renju Unit	*0*	*-80 874 689*	*-80 874 689*
Tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq l-ING konċess lil xi SM	*0*	*6 891 651*	*6 891 651*
— Titolu 3 - Surpluses, bilanċi u aġġustamenti	1 802 988 329	1 804 821 556	1 833 227
— Titolu 4 - Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjonijiet	1 606 517 342	1 575 505 411	-31 011 931
— Titolu 5 - Operat amministrattiv tal-istituzzjonijiet	25 050 050	22 616 366	-2 433 684
— Titolu 6 - Rifużjonijiet konnessi ma' ftehimiet u programmi tal-Unjoni	130 000 000	102 279 350	-27 720 650
— Titolu 7 - Imgħax dwar arretrati u multi	115 000 000	2 625 458 174	2 510 458 174
— Titolu 8 - Operazzjonijiet u teħid b'self	2 823 744	3 111 199	287 455
— Titolu 9 - Mixxellanji	15 001 000	7 843 527	-7 157 473

4. Id-differenzi fit-Titolu 1 (Riżorsi Proprji) jirrappreżentaw 0,02 % tal-previżjoni. Dawn jikkonsistu primarjament fi dħul aktar baxx ta' EUR 107 miljun mir-riżorsi proprji tradizzjonali (inġabru 99,5 % tal-previżjoni) u ta' EUR 77 miljun dħul ogħla mir-rata tal-kambju (billi r-riżorsi proprji jitħallsu bil-munita nazzjonali iżda huma bbaġitjati u kkontabilizzati f'euro). Fit-Titolu 3 *(Surpluses, bilanċi u aġġustamenti)*, f'rabta mal-aġġustamenti tar-riżorsi proprji, id-differenza hija limitata għal EUR 1,8 miljun.

5 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

6 L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju se jirriżulta wkoll fi tnaqqis tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit f'konformità mal-Artikoli 126 u 135(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

5. L-akbar differenza (EUR 2 510 miljun) tinsab fit-Titolu 7 *(Imgħax ta' inadempjenza u multi).* L-eżitu jikkonsisti f'multi tal-kompetizzjoni u f'imgħax ta' inadempjenza, pagamenti ta' penali oħrajn u mgħaxijiet marbuta ma' multi u pagamenti ta' penali.

6. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta t-tqassim tal-eżitu tal-2019 f'termini tal-implimentazzjoni baġitarja tan-nefqa għall-istituzzjonijiet kollha:

(bl-EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2019	Baġit (inkluż AB1-3)	Riżultat	Varjazzjoni
Subtotal tan-Nefqa	**148 492 491 538**	**147 688 889 100**	**-803 602 438**
Approprjazzjonijiet tal-eżitu awtorizzati fil-baġit	**148 492 491 538**	**147 817 807 228**	**-674 684 310**
— Il-Kummissjoni Ewropea	144 377 037 181	143 784 765 183	-592 271 998
Intestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	*20 261 398 070*	*20 231 004 880*	*-30 393 190*
Intestatura 1b - Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	*47 561 482 793*	*47 559 522 299*	*-1 960 494*
Intestatura 2 - Tkabbir sostenibbli: Riżorsi naturali	*57 836 518 964*	*57 827 120 612*	*-9 398 352*
Intestatura 3 - Sigurtà u Ċittadinanza	*3 290 532 388*	*3 161 760 749*	*-128 771 639*
Intestatura 4 – Ewropa Globali	*8 952 616 966*	*8 946 611 596*	*-6 005 370*
Intestatura 5 - Amministrazzjoni	*5 827 041 386*	*5 763 345 126*	*-63 696 260*
Strumenti speċjali oħra	*647 446 615*	*295 399 920*	*-352 046 694*
— Istituzzjonijiet oħra	4 115 454 357	4 033 042 045	-82 412 312
Il-Parlament Ewropew	*1 996 978 262*	*1 973 232 524*	*-23 745 738*
Il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew	*581 895 459*	*536 999 597*	*-44 895 862*
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	*429 468 936*	*423 900 255*	*-5 568 681*
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	*146 890 518*	*144 314 828*	*-2 575 690*
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	*138 502 768*	*135 923 436*	*-2 579 332*
Il-Kumitat tar-Reġjuni	*98 751 065*	*98 362 401*	*-388 664*
L-Ombudsman Ewropew	*11 496 261*	*10 614 755*	*-881 506*
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	*16 638 572*	*15 301 687*	*-1 336 885*
Is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna	*694 832 516*	*694 392 562*	*-439 954*
Kanċellament ta' approprjazzjonijiet ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti	**0**	**-125 294 786**	**-125 294 786**
— Il-Kummissjoni Ewropea	0	-86 283 393	-86 283 393
— Istituzzjonijiet oħra	0	-39 011 393	-39 011 393
Varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju fuq in-nefqa	**0**	**-3 623 342**	**-3 623 342**

7. Il-Kummissjoni implimentat 99,6 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati. L-ammont mhux implimentat kien ta' EUR 592,3 miljun, li EUR 351,5 miljun minnhom huma mir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza u EUR 94,5 miljun f'riżerva skont l-intestatura 3 *Sigurtà u Ċittadinanza*.

8. Is-sottoimplimentazzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra ta' EUR 82 miljun kienet ftit ogħla minn dik fl-2018 (EUR 76 miljun) iżda inqas minn dik fl-2017 u fl-2016 (EUR 83 miljun u EUR 103 miljun, rispettivament).